



*Tislima lil...*

# Mons. Isqof Emeritus Nikol Ġ. Cauchi

## (2.3.1929 – 14.11.2010)

L-Isqof Emeritus Nikol Ġ. Cauchi kellu rabtiet speċjali kemm mal-Parroċċa tagħna ta' Kerċem kif ukoll mal-Għaqda Mużikali San Girgor.

Nibdew billi nsemmu l-Inawgurazzjoni u t-tberik taċ-Ċentru Parrokkjali tagħna fid-29 ta' Diċembru 1969. Fis-16 ta' Settembru 1973 ħatar lil Dun Franġisk Debrincat bħala s-sitt Kappillan ta' Kerċem. F'Diċembru tal-istess sena ikkonsagra l-Kappella annessa mal-Kunvent tas-Sorijiet Karmelitani f'Ta' Kerċem. Fit-3 ta' Jannar 1981 ikkonsagra l-Artal Mejda l-Ġdid tal-Knisja Parrokkjali. Ma nistgħux ma nsemmux l-Inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari fid-9 ta' Lulju 1985 u s-sehem sħiħ tiegħu flimkien mal-Kardinal Pietro Palazzini fil-Festi Ċentinarji tal-1985. Kiteb il-lirika tal-Oratorju Marjan 'Ommna tas-Sokkors' li sar fil-Parroċċa tagħna fl-1986. Fis-16 ta' Awwissu 1992 bierek is-Sett Ġdid ta' 5 Qniepen għall-Knisja Parrokkjali. Fl-1997 ippresieda l-Festi Ċentinarji fl-okkażjoni tal-wasla tal-Istatwa Titulari tal-Madonna tas-Sokkors u laqà lill-Emm. Tiegħu l-Kardinal Luigi Poggi. Kien ukoll l-Isqof Cauchi li bierek l-istrumentatura l-ġdida tal-Banda San Girgor fl-1998 u mexxa l-Quddiesa fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-Banda San Girgor fl-1999. Fl-istess okkażjoni, huwa flimkien mal-mibki President tar-Repubblika Prof. Guido de Marco, kixef lapida kommemorattiva fiċ-Ċentru Parrokkjali. Kien ukoll l-istess Isqof li fl-2003 iffirma l-ftehim li l-Għaqda Mużikali San Girgor kienet għamlet mal-Parroċċa ta' Kerċem dwar l-organiżżazzjoni tal-Purċissjoni-Paegent tad-Duluri. Ħa sehem prinċipali fil-Festi tal-XIV-il Ċentinarju mill-Mewt tal-Papa San Girgor. Fl-2004 ħatar lil Dun Mario Grech bħala s-sebà Kappillan ta' Kerċem. Bil-għajnuna tiegħu wkoll l-Għaqda Mużikali San Girgor beda jkollha sehem attiv fl-organiżżazzjoni tal-Festi Titulari permezz ta' ftehim li ġie ffirmat fid-9 ta' Jannar 2005. Aktar tard fis-sena 2005 kien ukoll hu li bierek l-ewwel ġebla tal-Każin tal-Għaqda fi Pjazza Orvieto.



Dawn huma għalina rabtiet mhux biss ta' memorja, imma wkoll ta' għożża u kburija fin-nisġa tal-istorja żgħażugħa iżda glorjuża tal-Għaqda Mużikali San Girgor. F'din l-okkażjoni, l-Għaqda Mużikali San Girgor wasslet il-kondoljanzi lill-familjiari tiegħu, lid-Djoċesi Għawdxija u ħutu fis-Saċerdozju, immexxija mis-suċċessur tiegħu Mons. Isqof Mario Grech. L-Għaqda tajret il-bandiera uffiċċjali tal-Każin mezz'asta bħala sinjal ta' luttu.